

Brussell, 20 ta' April 2023
(OR. en)

8485/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0107(NLE)**

**FISC 66
ECOFIN 356**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 203 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 203 final.

Mehmuż: COM(2023) 203 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.4.2023
COM(2023) 203 final

2023/0107 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 287(12) tad-Direttiva 2006/112/KE¹ (“id-Direttiva tal-VAT”), l-Ungerija tista’ teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud (“il-VAT”) lill-persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta’ EUR 35 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

Skont id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/73/UE tat-18 ta’ Jannar 2022², l-Ungerija hi attwalment awtorizzata tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT biex, sal-31 ta’ Diċembru 2024, teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhux aktar mill-ekwivalenti ta’ EUR 48 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni.

Permezz ta’ ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-15 ta’ Diċembru 2022, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex iżżid il-livell limitu tal-miżura eżistenti msemmija hawn fuq għal EUR 71 500 sal-31 ta’ Diċembru 2024 (“il-miżura speċjali”).

F’konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Ungerija permezz ta’ ittra bid-data tal-11 ta’ Jannar 2023. Permezz ta’ ittra bid-data tat-12 ta’ Jannar 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, li tinkludi l-possibbiltà li jeżentaw mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat tagħhom ikun inqas minn ċertu fatturat annwali. Il-persuni taxxabbli li jaqgħu taħt din l-eżenzjoni ma għandhomx għalfejn jimponu l-VAT fuq il-provvisti tagħhom u b’hekk ma jistgħux inaqqsu l-VAT fuq l-inputs tagħhom.

Skont l-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri li ssieħbu wara l-1 ta’ Jannar 1978 jistgħu jeżentaw lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar mill-ekwivalenti tal-ammonti fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħhom, kif speċifikat f’ dik id-dispożizzjoni.

Skont il-punt 12 tal-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, l-Ungerija tista’ teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex iktar mill-ekwivalenti ta’ EUR 35 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha (din tissejjaħ “l-eżenzjoni personali”).

Minħabba d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2018/1490/UE³, l-Ungerija ġiet awtorizzata tapplika livell limitu oġġla u għalhekk teżenta mill-VAT sal-31 ta’ Diċembru 2021 lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx oġġla mill-ekwivalenti ta’

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (2022/73) tat-18 ta’ Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/1490 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni lill-Ungerija biex tapplika għal perjodu ulterjuri l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 148–150).

³ Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta’ Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38-39).

EUR 48 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Għaldaqstant, l-Ungerija ġiet awtorizzata testendi d-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/73 tat-18 ta' Jannar 2022⁴.

Il-limitu oġġla ta' EUR 71 500 hawnhekk mitlub mill-Ungerija jkun konsistenti ma' limitu użat f'taxxa Ungeriża fuq it-taxxa fuq l-introjt (taxxa speċifika fuq kumpaniji żgħar: "kata"), għalhekk tissimplifika l-konformità għan-negozji eliġibbli. Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-limitu tal-eżenzjoni għandu jsegwi ż-żieda fid-dħul fost il-persuni taxxabli maħluqa mit-tkabbir ekonomiku u li valorizzazzjoni ta' dak il-limitu tkun iġġustifikata fid-dawl tal-pressjonijiet inflazzjonarji.

Il-miżura speċjali, li tissimplifika l-obbligi tal-operaturi ż-żgħar, hija fi qbil mal-għanijiet stabbiliti mill-Unjoni Ewropea għan-negozji ż-żgħar, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" — "Small Business Act" għall-Ewropa.

Il-miżura speċjali hija fakultattiva għall-persuni taxxabli. Għalhekk, in-negozji ż-żgħar li l-fatturat tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu xorta se jkollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li japplikaw l-arranġamenti normali tal-VAT.

L-Ungerija tirrapporta li ż-żieda fil-livell limitu tal-miżura speċjali tista' potenzjalment taffettwa madwar 35 000 persuna taxxabli. Barra minn hekk, l-Ungerija tindika li abbażi tal-esperjenza tas-snin preċedenti, jista' jiġi preżunt li, anki jekk il-livell limitu jiżjed, kif mitlub, mhijiex mistennija żieda sinifikanti fil-proporzjon tal-persuni taxxabli li effettivament jagħżlu dan il-limitu.

Skont l-istimi pprovduti mill-Ungerija, l-introduzzjoni tal-miżura speċjali twassal għal telf tad-dħul baġitarju ta' HUF 15 biljun fis-sena (jiġifieri madwar 0,05 % tad-dħul dovut mill-VAT (ESA) fl-2021) u għalhekk ma tkunx taffettwa b'mod sinifikanti l-ammont totali ta' dħul mill-VAT miġbur fl-istadju tal-konsum finali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jixraq li l-Ungerija tiġi awtorizzata tapplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżura ta' deroga hija fi qbil mad-Direttiva (UE) 2020/285⁵ li rriżultat mill-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-VAT⁶, u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (2022/73) tat-18 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1490 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni lill-Ungerija biex tapplika għal perjodu ulterjuri l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 148–150).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (OJ L 62, 2.3.2020, p. 13).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016)148 final.

mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u dak tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negozji kif ukoll il-monitoraġġ mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, il-livell limitu ta' EUR 71 500 huwa konsistenti mad-Direttiva (UE) 2020/285, sa fejn jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-livell limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT f'livell mhux oġġla minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikoli 285 u 287 tad-Direttiva tal-VAT, bħan-Netherlands⁷ u l-Belġju⁸ li ngħataw livell limitu ta' EUR 25 000. Il-Lussemburgu⁹ ngħata livell limitu ta' EUR 35 000 u l-Polonja¹⁰, il-Latvja¹¹ u l-Estonja¹² ngħataw livell limitu ta' EUR 40 000. Il-Litwanja¹³ ngħatat livell limitu ta' EUR 55 000; il-Kroazja¹⁴ ngħatat livell limitu ta' EUR 45 000; Malta¹⁵ ngħatat livell limitu ta' EUR 30 000; is-Slovenja¹⁶ ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000; ir-Repubblika Ċeka¹⁷ ngħatat livell limitu ta' EUR 85 000; u r-Rumanija¹⁸ ngħatat livell limitu ta' EUR 88 500.

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/88 tat-18 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tar-Renju tal-Belġju biex japplika għal perjodu ulterjuri l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 14, 21.1.2022, p. 23).

⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 155).

¹⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1780 tal-5 ta' Ottubru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 360, 11.10.2021, p. 122).

¹¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1261 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 296, 10.9.2020, p. 4).

¹² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/358 tat-22 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 69, 26.2.2021, p. 4).

¹³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/86 tat-22 ta' Jannar 2021 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 30, 28.1.2021, p. 2).

¹⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1661 tat-3 ta' Novembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1768 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 374, 10.11.2020, p. 4).

¹⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/753 tas-6 ta' Mejju 2021 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/279 (ĠU L 163, 10.5.2021, p. 1).

¹⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/464 tal-21 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE fir-rigward tal-awtorizzazzjoni li ngħatat lir-Repubblika

Id-derogi mid-Direttiva tal-VAT għandhom ikunu dejjem limitati fiż-żmien biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-effetti tagħhom. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' data ta' skadenza tal-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024, kif mitlub mill-Ungerija, hija allinjata mad-data stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2020/285. Dik id-direttiva tippredvi l-1 ta' Jannar 2025 bħala d-data li fiha l-Istati Membri jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li huma obbligati jadottaw sabiex jikkonformaw magħha.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni ilha tenfasizza b'mod konsistenti l-bżonn li jkun hemm regoli aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar. F'dan ir-rigward, f'Marzu 2020 il-Kummissjoni adottat Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali¹⁹, fejn intrabtet li tkompli taħdem biex tnaqqas il-piż minn fuq l-SMEs. L-objettiv li jitnaqqas il-piż regolatorju għall-SMEs huwa wieħed mill-pilastri ta' din l-istrateġija. Din il-miżura speċjali hija fi qbil ma' dawn l-objettivi, f'dak li jirrigwarda r-regoli fiskali. Hija konsistenti wkoll mal-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru²⁰, li jirrikonoxxi li l-kostijiet tal-konformità fiskali għandhom għoljin fl-UE, u li tipikament, il-kostijiet tal-konformità ikunu tipikament sostanzjalment ogħla għall-kumpaniji ż-żgħar milli huma għall-kbar.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

tas-Slovenja biex tkompli tapplika l-miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 94, 23.3.2022, p. 4).

¹⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/865 tal-24 ta' Mejju 2022 li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 66).

¹⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1260 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 296, 10.9.2020, p. 1).

¹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali (COM(2020) 103 final).

²⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-Istrateġija ta' Rkupru (COM(2020) 312 final).

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru b'talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli ż-żgħar u għall-awtorità tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret mill-Ungerija u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li żżid il-livell limitu tal-eżenzjoni attwali għal EUR 71 500. Din iż-żieda fil-livell limitu hija miżura ta' simplifikazzjoni li telimina ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negozji li jaħdmu b'fatturat annwali ta' mhux aktar mil-livell limitu. Għalhekk se jkollha impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv kemm għan-negozji kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa mingħajr impatt kbir fuq id-dħul totali mill-VAT. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni tagħha limitata fil-ħin, fi kwalunkwe każ, l-impatt tal-miżura se jkun limitat.

Attwalment, abbażi tad-*data* disponibbli mill-2021, iż-żieda fil-livell limitu proposta jkun iwassal għal tnaqqis fid-dħul mill-VAT ta' madwar 0,05 %.

Il-miżura ta' deroga se tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuni taxxabbli se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' rizersi proprji li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud²¹, ma hu se jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens mill-Ungerija mid-dikjarazzjoni tar-rizersi proprji tal-VAT għas-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' rizersi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont il-punt (12) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Ungerija tista' teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-VAT") lil persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 35 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/73/UE², l-Ungerija kienet awtorizzata tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE biex teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx aktar mill-ekwivalenti ta' EUR 48 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2022, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex iżżid il-livell limitu tal-miżura eżistenti msemmija hawn fuq għal EUR 71 500 sal-31 ta' Diċembru 2024 ("il-miżura speċjali").
- (4) Permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni baġtet it-talba tal-Ungerija lill-Istati Membri l-oħra, f'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2006/112/KE. Permezz ta' ittra bid-data tat-12 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis meħtieġa sabiex tikkunsidra t-talba.

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/73 tat-18 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1490 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni lill-Ungerija biex tapplika għal perjodu ulterjuri l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 148).

- (5) Il-miżura speċjali mitluba mill-Ungerija hija fi qbil mal-emendi għad-Direttiva 2006/112/KE li saru permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285³, li l-għan tagħha huwa li jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità tal-VAT għall-impriżi ż-żgħar u jtaffu d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (6) Il-miżura speċjali se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabli peress li xorta jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (7) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, l-effett tal-miżura speċjali se jkun negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT tal-Ungerija li jinġabar fl-istadju tal-konsum finali.
- (8) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769⁴, ma għandu jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens mill-Ungerija fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-riżorsi proprji bbażata fuq il-VAT mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.
- (9) Minħabba l-impatt pożittiv tal-miżura speċjali bit-tnaqqis tal-piż amministrattiv kemm għall-impriżi ż-żgħar kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa, u billi l-impatt fuq id-dħul totali ġġenerat mill-VAT huwa negliġibbli, jenħtieġ li l-Ungerija tiġi awtorizzata tapplika l-miżura speċjali.
- (10) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura speċjali tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex jippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-effettività u l-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2020/285, sal-31 ta' Diċembru 2024 l-Istati Membri jridu jadottaw u jipubblikaw, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1(12) ta' dik id-Direttiva, u jridu japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, huwa adatt li l-Ungerija tiġi awtorizzata tapplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1490 titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 287(12), tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Ungerija hija awtorizzata li teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 71 500 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1490 hija mħassra.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (OJ L 62, 2.3.2020, p. 13).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.
Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*